# PELLEGRINAĠĠI PENITENZJALI BL-ISTATWA



Din ix-xbieha antika ta' San Ġużepp, għalkemm mhix ta' xi ġmiel artistiku ma' dan kollu hija statwa ta' devozzjoni tassew kbira. Huwa propju dan il-fatt, li l-aktar li jagħmel lil din ix-xbieha ta' valur reliġjuż kbir.

Fis-seklu li għaddew il-Maltin dejjem irrikorrew lejn San Ġużepp permezz ta' din ix-xbieha għal kull bżonn, mhux biss personali u familjari, iżda f'kull bżonn nazzjonali li kellha Malta. Ħafna drabi nsibu li l-Awtoritajiet tal-Knisja flimkien ma' l-Awtoritajiet Ċivili, irrikorrew lejn Alla permezz ta' din ix-xbieha mirakuluża f'kull meta kien hemm bżonn ta' xi grazzja biex Malta teħles minn xi fraġell.

Ta' min jgħid li fl-imgħoddi, l-biċċa l-kbira tal-poplu Malti kien jiddependi l-għejxien tiegħu mir-raba', u nuqqas ta' xita għal Malta kien meqjus bħala diżastru proprju għall-għejxien tal-poplu tal-gżejjer tagħna. Għalhekk f'okkażjonijiet bħal dawn jew xi bżonn ieħor, kienet drawwa sabieħa lj n-nies tingħaqad flimkien fi spirtu ta' penitenza u talb taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp.

Fil-fatt insibu dokument fl-arkivju ta' l-istess Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, li mis-sena 1767 l'hawn din l-istatwa ġiet maħruġa kemm il-darba f'pellegrinaġġi penitenzjali nazzjonali għal bżonnijiet ta' xita, ta' ringrazzjament minn mard bħal ma huma: pesta u kolera, u minn katastrofi naturali, bħal ma hu teremot (*).

Ġeneralment f'kull pellegrinaġġ li kien isir b'din l-istatwa, il-fratelli kienu jieħdu magħhom kabozza (speċi ta' xkora iebsa qisha kanvas) biex jekk tibda nieżla x-xita meta l-istatwa tkun għadha barra waqt il-purċissjoni jgħattuha biha. Sar-snin Tletin din il-kabozza kienet għadha teżisti, iżda ġara li maż-żmien tmermret għal kollox u spiċċat fix-xejn.

(*) Lista ta' dawn il-pellegrinaġġi wieħed jista' jaraha fil-"Monografia Storica dell' Antichissima Arcikonfraternità del Glorioso Patriarca S. Giuseppe" ta' P. Giorgio Scerri O.F.M., (Malta, 1935), pp. 31-34. Din kienet ġiet ippublikata wkoll fil-ktieb maħruġ mis-Sur Duminku Micallef, bl-isem ta": "Arċikonfraternità ta' San Ġużepp - Rabat", (Malta, 1978), pp. 10-13. Kif ukoll fil-ktieb ta' l-istess awtur, bl-isem ta': "Ħaġar Pressjuż u Jleqq lil San Ġużepp", (Malta, 1983), p.9.